**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 362/15 AL

**A B**

**-vs-**

**C maghrufa bhala S B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Gunju 1977;
2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' zewg sentenzi moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fil-31 ta' Ottubru, 2006, fl-ismijiet : **C maghrufa bhala S, mart A B vs A B** (Citazzjoni numru 1408/2002 NC) u **A B vs C B** (Citazzjoni numru 1362/2002 NC) (Dok. A u Dok. B);
3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Gunju 1977;
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2015;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta, izda kienet prezenti fl-awla fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016 u iddikjarat illi mhijiex topponi ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, izda li xtaqet tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' T;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet isseparaw permezz ta' zewg sentenzi moghtija fil-31 ta' Ottubru 2006 u illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin de facto separati;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi l-Qorti tiddikjara illi qeghda tilqa t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' T;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.